MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2007

Appell Civili Numru. 6/2005

**V.J. Salomone Ltd.**

**vs**

**L-Awtorita` ta' l-Ippjanar.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors ta' l-Appell tas-socjeta' V.J. Salomone Ltd (C712) datat 3 ta' Mejju 2005 a fol. 2 tal-process fejn gie premess:-

Illi permezz ta' l-Avviz ta' Twettieq datat 19 ta' Novembru 2001, numru ECF / 946/98 / ENMU / NENE, l-Awtorita` appellata akkuzat lill-appellanti illi:

"Ghandek zvilupp mhux skond il-kundizzjonijiet tal-permess PA218/94 datat 9 ta' Gunju 1995, billi m'osservajtx il-kondizzjoni Nru 6 dwar is-*substation*,

kundizzjoni numru 4 (f) billi nqast li tifforma t-triq u fil-frattemp ftaht aperturi minghajr permess li jharsu fuq l-istess triq (ara decizjoni ta' l-appell datata 28 ta' April 1995 (b) (i) u (b) (iv)".

L-appellanti appellaw quddiem il-Bord ta' l-Appell ghall-motivi segwenti:

1. Fl-ewwel lok, dan it-tentattiv li jigi esegwit dan l-avviz ta' twettieq jikkostitwixxi disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti. Peress illi b'digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-1 ta' Ottubru 2001, l-Awtorita` ta' l-Ippjanar giet inibita permezz ta' Mandat ta' Inibizzjoni numru 2699/01 milli tesegwixxi l-istess avviz. Infatti, tezisti kawza civili li segwit dak id-digriet, Cit. Numru 1618/01, fl-ismijiet V.J. Salomome Ltd. vs Awtorita` ta' l-Ippjanar, appuntata ghall-10 ta' Jannar 2002. Ghal din ir-raguni biss, dan l-avviz ma jistax jigi esegwit;

2. Fit-tieni lok, it-triq in kwistjoni kienet, kif ilha ffurmata, *i.e.* lesta biex tinghata l-asfalt. M'hijiex pero` accessibbli, kif ma kenitx ghal snin shah, u dan billi l-gar qabad u okkupa l-art li fuqha kellha ssir it-triq, u ghalaq miz-zewg nahat b'kancell u hajt. Gara illi, minkejja l-ordni illi ssir triq *a tenur* tal-permess datat 9 ta' Gunju 1995 – triq li *del resto* l-esponenti jixtiequ hafna li tinfetah kemm jista' ikun malajr – l-Awtorita` harget permess numru 0068/00 li bih awtorizzat lill-gar juza l-istess art bhala *scrapyard*. Id-domanda allura hi: kif tista' tinfetah it-triq issa? jizdied illi l-esponenti tant jixtiequ illi ssir din it-triq illi ghamlu kawza kontra id-Direttur tat-Toroq u kontra l-gara, biex dawn jifthu t-triq. Il-kawza saret fl-ismijiet V.J. Salomone Ltd. vs George u Carmelina Magri, John Mary u Maria konjugi Vella, u Direttur tat-Toroq, Cit. Nru. 1559/01 JRM, appuntata ghat-8 ta' Jannar 2002.

3. A rigward is-*sub-station*, dan gie mibni skond il-permess ta' l-Awtorita`.

Permezz ta' decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar moghtija fl-20 ta' April, 2005, l-appell kontra Avviz ta' Twettieq imsemmi gie michud u l-istess avviz konfermat;

Illi l-appelant hass ruhu aggravat minn din is-sentenza, u minnha qed jinterponi s-segwenti appell:

Il-lanjanzi ta’ l-appellati fl-avviz ta’ twettieq huma tnejn u *cioe*` dawk illi l-appellanti:

1. M’osservawx il-kundizzjoni fil-permess dwar is-*substation*; u

2. Naqsu li jifformaw t-triq qabel fethu aperturi ghal fuq il-proprjeta` adjacenti.

Dwar is-*substation*, jinghad minnufih illi meta sar l-access ma sar l-ebda kejl li jista’ jikkonferma illi ma thallietx “*three foot cartilage*”. Jinghad b’certezza mill-appellanti illi t-*“three foot cartilage*” inzamm skrupolozament minnhom, u m’hemm l-ebda lok ghal diskussjoni dwar dan.

Dwar l-aperturi, l-appellanti jirrilevaw illi huwa minnu illi l-permess inhareg bil-kundizzjoni illi dawn jinfethu malli tigi ffurmata triq li kienet kif ghadha progettata fuq art tal-gar. It-triq hija ***ffurmata***, izda l-gar ma talabx lill-Awtorita` dwar it-Trasport sabiex tasfaltaha. Ghalhekk din il-kundizzjoni kienet sodisfatta meta infethu l-aperturi, billi t-triq gia` kienet iffurmata. Li l-gar qed juzaha bhala *scrap yard* m’ghandux jirrefletti fuq l-appellanti, il-mxew skond il-permess.

Issa l-appellanti qed jipprovaw igieghlu lill-gar jasfalta t-triq permezz ta’ kawza *ad hoc,* imsemmija fir-risposta, *i.e.* citazzjoni numru 1559/01GC differita ghall-10 ta’ Ottubru 2005.

Fl-ahhar nett, kellu jirrizulta lill-Bord ta’ Appell illi l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar giet *inibita* permezz ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni numru 2699/01 milli tesegwixxi l-istess Avviz ta’ Twettieq. Infatti, tezisti kawza civili li segwiet dak id-digriet ta’ inibizzjoni, Cit. Numru 1618/01, fl-ismijiet V.J.Salomone Ltd. vs Awtorita` ta’ l-Ippjanar, differita wkoll ghall-10 ta’ Ottubru 2005, billi qed timxi mal-kawza l-ohra msemmija.

Ghaldaqstant, ghall-motivi kollha migjuba f'dan l-appell u ghal dawk li jigu sottomessi waqt it-trattazzjoni orali, u filwaqt illi jirriservaw illi jipproducu provi u xhieda ulterjuri fl-istadju ta' appell, l-appellanti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar u tirrevoka d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli ta' l-Ippjanar tal-20 ta' April 2005 u minflok tiddikjara illi l-izvilupp ezistenti sar skond il-ligi, u tordna lill-Awtorita` ta' l-Ippjanar sabiex fi zmien qasir li tiffissa din l-Onorabbli Qorti tiehu dawk il-passi kollha sabiex tassigura li l-proprjeta` in kwistjoni tinghata s-servizz ta' dawl u ilma, bl-ispejjez kollha kontra l-Awtorita` appellata.

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar datata 12 ta' Mejju 2005 a fol. 6 tal-process, fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-*file* tal-Bord ta' l-Appell fl-ismijiet **"V. J. Salomone Ltd. vs Awtorita` ta' Malta dwar l-Ippjanar"** deciz mill-istess Bord.

Rat ir-risposta ta' l-appell tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp datata 28 ta' Ottubru 2005 a fol. 10 tal-process fejn espona bir-rispett:-

1. Illi qabel xejn trid issir korrezzjoni fl-okkju ta' l-appell *stante* li dawn it-tip ta' appelli jinstemghu quddiem *"Il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri)"*.

2. Illi preliminarjament jinghad li l-appell interpost mill-applikant huwa null *stante* li ma sarx skond l-**artikoli 15 (2) ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' Izvilupp (Kap356)** li jghid hekk:

*"Id-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord li minnhom ikun hemm appell lill-Qorti ta' l-Appell (Kopetenza Inferjuri)".*

Dan kien konfermat diversi drabi b'sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti fosthom fis-sentenza **Emanuel Mifsud vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp** (decizjoni tal-31 ta' Mejju 1996); **Anthony Borg vs L-Awtorita` ta' l-Ippjanar** (Qorti ta' l-Appell – Decizjoni ta' l-24 ta' April

1996); **Francis Mugliett vs L-Awtorita` ta' l-Ippjanar** (Qorti ta' l-Appell decizjoni tal-31 ta' Mejju 1996); **Zaren Camilleri vs Awtorita` ta' l-Ippjanar** (decizjoni tat-28 ta' Frar 1997 – Qorti ta' l-Appell); **Joseph Attard vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp** (Appell numru 13/01 RCP deciz fit-28 ta' Ottubru 2002)**; Tonio Azzopardi vs Awtorita` ta' l-Ippjanar** (decizjoni tat-28 ta' Ottubru 2002);

3. Illi jigi bir-rispett sottomess illi l-aggravji tas-socjeta` appellanti huma daqstant nulli *stante* illi quddiem il-Bord ta' l-Appell ma kien hemm l-ebda punt ta' ligi sollevat quddiem u l-anqas ma' l-Bord naqas li jikkunsidra xi punt ta' ligi.

4. Illi bir-rispett kollu, l-argument tas-socjeta` appellanti li l-Aworita` appellata giet inibita milli tiehu azzjoni ta' enfurzar, ma jfissirx illi hija tista' tevita milli tiehu procediment skond il-ligi. Ma tistax is-socjeta` appellanti per ezempju tippretendi illi tali avviz ta' enfurzar jigi '*withdrawn*'. L-unika haga li l-Awtorita` ma tistax taghmel ghalissa huwa li ma tiehux azzjoni ta' enfurzar.

5. Illi l-appell *de quo* huwa wkoll frivolu ghaliex minn imkien ma johrog dan l-element ta' punt ta' ligi u din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni illi tilqa' dan l-appell a bazi tal-fatt illi jien hemm xi mandat jew kawza civili.

6. Illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tara jekk quddiem il-Bord ta' l-Appell kien hemm xi punt ta' ligi li kien dibattut u deciz jew li naqas li jigi deciz u jekk fin-negattiv, ir-rikors ta' l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez.

*In vista* tal-permess, l-esponenti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi gia` prodotti partikolarment id-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell 20 ta' April 2005 u tirriserva li ggib dawk il-provi kollha permessi mill-Ligi, titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, filwaqt li tichad l-appell interpost mis-socjeta` appellati **V.J. Salomone Limited** u tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord ta' l-Appell

dwar l-Ippjanar, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` appellanti.

Rat il-verbali tas-seduti tad-9 ta’ Novembru 2005; tat-22 ta’ Frar 2006; tal-4 ta’ Mejju 2006; tal-5 ta’ Ottubru 2006; tat-18 ta’ Jannar 2007; u tal-20 ta’ Marzu 2007 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Kathia Azzopardi ghas-socjeta` appellata u Dr. Claire Stafrace Zammit ghall-Awtorita` Appellata. Id-difiza rrimettew ruhhom ghall-atti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta’ Mejju 2007.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi jinghad li kien inhareg Avviz biex Tieqaf u ta’ Twettieq Numru 946/98 datat 19 ta’ Novembru 2001 fejn l-istess socjeta` appellanti nghad li ghandha zvilupp mhux skond il-kundizzjonijiet tal-permess PA218/94 datat 9 ta’ Gunju 1995, billi m’osservatx il-kondizzjoni Numru 6 dwar is-*substation*, kundizzjoni numru 4 (f) billi naqset li tifforma t-triq u fil-frattemp fethet aperturi minghajr permess li jharsu fuq l-istess triq (ara decizjoni ta’ l-appell datata 28 ta’ April 1995 (b) (i) u (b) (iv).

Illi kien sar appell quddiem il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar fejn gie allegat li it-triq in kwistjoni fil-fatt kienet iffurmata izda ma kienitx accessebbli ghaliex il-gar kien okkupa l-istess art u ghalaq l-istess u fil-fatt jinghad li nhareg permess favurih numru 0068/00 sabiex l-istess art tintuza bhala scrapyard u fil-fatt l-appellanti ghamlu kawza kontra d-Direttur tat-Toroq u kontra l-gar (Citaz. Numru 1559/01/AL sabiex tinfetah l-istess triq, fil-waqt li s-*substation* kienet mibnja skond il-permess; inghad ukoll li l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar b’digriet tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili datat l-1 ta’ Ottubru 2001 harget Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 2699/01 sabiex l-istess Awtorita’ ma tesegwixxiex l-istess Avviz.

Illi b'decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar datata 20 ta' April 2005 inghad li l-bini kien kopert b'permess datat 9 ta' Gunju 1995 b'diversi kondizzjonijiet nkluzi dawk elenkati bhala 4 (f) li jipprovdi li *"before building operations start where applicable, the street is to be opened and brought up to its proper and approved formation levels by the applicant"* u dik numru 6 li tghid li *"a three foot cartilage is to be left on each side of the substation and the roof should be three courses higher than the existing Enemalta substation proof".*

Illi b'decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar tat-28 ta' April 1985 irreferiet ghal diversi kondizzjonijiet fl-istess permess fosthom dawk indikati bhala (b) (i) u (b) (iv) li jikkonsistu rispettivament li *"l-kundizzjonijiet imsemmija dwar is-site cartilage u s-substation ta' l-Enemalta fil-permess tal-1990 japplikaw ukoll ghal dan il-permess"* u *"li l-ebda apertura jew tieqa ma tinfetah fuq il-proprjeta' ta' La Rosa (Marbles) Ltd. sakemm ma tigix miftuha t-triq li hemm progettata fl-ischeme".*

Illi fid-decizjoni tieghu l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar anke wara li acceda fuq il-post sab li l-istess zvilupp ma kienx konformi mal-kondizzjonijiet indikati ta' l-istess permess, imsemmija fl-avviz biex tieqaf u tat-twettiq u b'hekk cahdet l-appell b'decizjoni tal-20 ta' April 2005.

Illi minn din id-decizjoni sar dan l-appell odjern li fis-sens li qed jinghad li fil-fatt it-triq in kwistjoni ilha asfaltata izda ma hijiex accessibbli ghar-ragunijiet indikati f'paragrafu 2 tar-rikors ta' l-appell; minbarra dan inghad f'paragrafu 3 ta' l-istess rikors ta' l-appell li fir-rigward tas-*substation* dan kien gie mibni skond il-permess ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar.

Illi minn naha taghha l-Awtorita' appellata eccepiet preliminarjament li l-appell mhux qed isir minn punt ta' ligi kif rikjest mill-**artikolu 15 (2) ta' l-Att dwar l-Izvilupp ta' l-Ippjanar.**

Illi l-**artikolu 15 (2) ta' l-Att Numru 1 ta' l-1992**, kif sussegwentement emendat, jghid testwalment illi:

*"Id-decizjonijiet tal-Bord ghandhom ikunu finali. Ghandu jkun hemm appell lill-Qorti ta' l-Appell* kostitwita skond l-*artikolu 41(6) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili minn dawk id-decizjonijiet biss dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord fid-decizjoni tieghu. Appell minn decizjoni parzjali tal-Bord jista' jigi pprezentat biss flimkien ma' appell mid-decizjoni finali tal-Bord".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Francis Mugliett vs L-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, fil-31 ta' Mejju, 1996 inghad illi:

*"Din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni li tissindika l-operat tal-Bord, biss u unikament in kwantu d-decizjoni jkun fiha punti ta' dritt li gew konsidrati u decizi fl-istess decizjoni. Il-ligi ma taghtix appell fuq kwistjonijiet ta' fatt decizi mill-Bord u lanqas ma hemm appell fuq punti ta' ligi sakemm il-kwistjoni ta' dritt ma tkunx giet dibattuta, trattata u definita fis-sentenza appellata. Fi kliem iehor, il-kwistjoni ta' dritt li fuqha persuna aggravata tista' tappella, trid tkun diga' qamet bhala kontroversja quddiem il-Bord u l-Bord ikun ikkonsidraha u ppronunzja ruhu fuqha fis-sentenza tieghu".*

Illi ukoll fil-kawza **"Emanuel Mifsud vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Mejju, 1996 inghad ukoll illi:-

*"Din il-Qorti tista' tirrevedi <u>biss</u> kwistjonijiet dwar punti ta' dritt li jkunu decizi mill-Bord. Dan ifisser li m'hemmx appell fuq kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi. M'hemmx dritt ta' appell lanqas fuq punti ta' ligi sakemm dawn ma jkunx espressament decizi fid-decizjoni appellata. Is-semplici applikazzjoni ta' xi dispozizzjoni tal-ligi ghall-fatti li jkunu rrizultaw lill-Bord jew is-semplici ennunzjazzjoni ta' xi dispozizzjoni lanqas ma jaghtu lok ghal appell quddiem din il-Qorti. Biex l-appell ikun ammissibbli, il-kwistjoni trid tkun necessarjament dwar kwistjoni ta' dritt, li tkun qamet*

*kontroversja dwarha, li tkun giet diskussa u elucidata fil-motivazzjoni u li tkun giet definita fid-decizjoni appellata".*

Illi fl-istess imsemmija sentenza ta' **"Emanuel Mifsud vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** inghad illi:-

*"Il-ligi tghid espressament fl-artikolu 15(2) li d-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar:-*

*"punti ta' ligi decizi mill-Bord" (illum taqra hekk wara l-emendi li saru - punti ta' ligi decizi mill-Bord fid-decizjoni tieghu). Dwar dawn biss hemm appell lil din il-Qorti, li bosta drabi ddecidiet li meta l-legislatur juza' kliem bhal dan, ma hemmx dritt ta' appell fuq is-semplici applikazzjoni tal-ligi (li tigi citata fid-decizjoni appellata) ghall-fatti tal-kaz".*

Illi fis-sentenza **"Ludwig Camilleri *nomine vs* Chairman ta' l-Awtorita' ta' L-Ippjanar"** (A.C. 28 ta' Frar 1997) inghad:-

*"Illi din il-Qorti, kif presjeduta u komposta, ma jidrilhiex li ghandha l-gurisdizzjoni li tinvestiga u tiddeciedi dan* l-*aggravju ta' l-appellant. Dan billi l-gurisdizzjoni taghha hija strettament limitata ghall-appelli fuq punti ta' dritt decizi mill-Bord (Art.15 (2) ta' l-Att Numru I tal-1992). Il-kwistjoni ta' dritt li fuqha ghandu jigi bazat appell quddiem din il-Qorti trid tkun kwistjoni li ffurmat kontroversja quddiem il-Bord u giet definita u deciza minnu … … … Certament mhux lecitu ghall-appellant li jressaq quddiem din il-Qorti kwalunkwe kwistjoni ohra ta' dritt sabiex jittanta jirrendi d-decizjoni appellabbli. L-aggravju odjern tal-appellant, bazat fuq allegazzjoni ta' nuqqas ta' osservanza ta' principju ta' gustizzja naturali, seta' ta lok ghal stharrig gudizzjarju ('judicial review'), kif previst mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12). L-istess aggravju, izda ma hux sindikabbli minn din il-Qorti fil-kors ta' l-appell taht il-ligi specjali msemmija, billi din il-ligi ma kkonferietx fuqha l-gurisdizzjoni mehtiega u konsegwentement l-aggravju in kwistjoni ma jistax jitqies minn din il-Qorti f'dan l-appell".*

Illi l-istess inghad fis-sentenza **"Tony Zahra vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' L-Izvilupp"** (A.C. 6 ta' Mejju 1998) u cjoe`:-

*"Dan kollu qieghed jinghad ghall-kompletezza, billi anke kieku fl-ipotesi li dawn il-fatturi ma gewx espressament imsemmija fid-decizjoni appellata u/jew ma gewx kummentati mill-Bord, xorta wahda ma jkunx hemm il-possibilita' ta' aditu b'success lil din il-Qorti. Dan billi l-ligi taghti dritt ta' appell biss u tassattivament, fuq punt ta' ligi li jkun gie deciz mill-Bord".*

Illi l-istess sentenza tkompli tghid b'mod mill-iktar car il-limiti li l-appell skond id-dispozizzjonijiet imsemmija taht l-**Att Numru I ta' l-1992** huma permessibbli u cjoe":-

*"Il-Qorti qeghda taghmel din l-osservazzjoni ghaliex il-gurisdizzjoni ta' din l-Qorti, f'appelli bhal dawn cjoe' taht l-Att Numru 1 ta' l-1992 konsegwentement hija limitata hafna. Din il-Qorti m'ghandhiex is-setgha gurisdizzjonali li tirrivedi u tirrimedja ghal kwalunkwe mankanza, immaginata jew reali, li tkun esposta mill-parti aggravata minn decizjoni tal-Bord. Invece, din il-Qorti tista' u ghandha tintervjeni biss fil-kazijiet li jolqtu direttament xi punt ta' ligi li jkun gie espressament deciz mill-Bord. Evidentement l-aggravju li l-Bord naqas li jaghti d-debita konsiderazzjoni lil xi fatturi relevanti jew anke li l-Bord ha in konsiderazzjoni xi fatti rrelevanti, ma jikkostitwixxux punt ta' dritt deciz mill-Bord u ghalhekk ma jaghtux lok ta' appell lil din il-Qorti taht il-ligi msemmija. Il-valutazzjoni, l-apprezzament u l-piz li jaghti l-Bord ghall-fatti tal-kaz jidhlu fid-diskrezzjoni tal-Bord, liema diskrezzjoni ma hijiex sindikabbli minn din l-Qorti f'appelli bhal dawn".*

Illi fis-sentenza **"Mario Vella vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.I.C. (RCP) 26 ta' Jannar 2004, abbazi anke tal-gurisprudenza konstanti f'dan ir-rigward, sostniet li s-sitwazzjoni *ormai* hija ben definita u l-Qorti kif komposta u kostitwita ma ghandhiex triq ohra hlief li ovvjament, hija nfisha tosserva l-istess, ghaliex l-awtorita' taghha hija hekk limitata bil-ligi, ligi specjali li fiha nfisha hija cara u li tillimita b'mod mill-aktar tassattiv il-

gurisdizzjoni taghha bhala Qorti ta’ l-Appell fuq punt ta’ dritt; dan ma jfissirx li l-persuna aggravata b’decizjoni tal-Bord ma ghandhiex rimedji ohra li tista’ anke ssegwi wkoll quddiem il-Qrati kemm ordinarji, u anke Qrati ta’ kompetenza kostituzzjonali, pero’ certament li mhux fl-ambitu ta’ appell minn decizjoni tal-Bord ta’ Appell lil din il-Qorti taht id-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 15 (1) tal-Att I ta’ l-1992,** dment li tali appell ma jaqax kif hemm indikat b’mod mill-iktar skjett u definit.

Illi applikati dawn il-principji ghall-*fattispecie* tal-kaz odjern jidher car li minn ezami ta’ l-istess decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar kienu kollha kemm huma konstatazzjoni ta’ fatt, u dan kien jikkonsisti jekk l-izvilupp mertu tal-kaz odjern kienx sar skond il-permessi vigenti fuq l-istess u allura jekk dak indikat fl-avviz biex tieqaf u ta’ twettiq kienx fil-fatt minnu bhala fatt u l-istess Bord sab li fil-fatt kien hemm tali mankanzi u dan fih innifsu huwa punt ta’ fatt li ma huwiex kompetenza ta’ din il-Qorti.

Illi l-Qorti tinnota wkoll li l-aggravji tal-appellanti quddiemha
indikati f’paragrafi 2 u 3 tar-rikors ta’ l-appell huma bazikament l-istess aggravvji li gew sottomessi mill-istess socjeta’ quddiem il-Bord ta’ l-Appell u dawn ukoll huma allura konsiderazzjonijiet ta’ fatt li ghalihom il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar ghandu komptenza esklussiva u appell minn tali konsiderazzjonijiet ta’ fatt ma jistax jaghti lok ghall-appell quddiem din il-Qorti kif emarginat fl-**artikolu 15 (2)** hawn citat.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li l-appell tal-istess socjeta’ appellanti mhux permessibbli taht d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 15 (2) tal-Kap 356** permess li ma huwiex appell fuq punt ta’ dritt deciz mill-istess Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar.

Illi l-punt l-iehor huwa li nhareg Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 2699/01 fejn l-Awtorita’ giet inibita mill-tesegwixxi l-istess Avviz ta’ Twettieq li gie wkoll segwit b’kawza Citaz. Numru 1618/01/AL li tinsab differita llum ghat-30 ta’ Ottubru 2007, u allura s-socjeta’ appellanti qed issotni li l-

istess Avviz huwa tentattiv ghal disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti.

Illi dan l-aggravju qed jigi michud *stante* li huwa nfondat u dan peress li l-Mandat ta' Inibizzjoni *se mai* waqqaf l-esekuzzjoni jew l-enfurzar ta' l-istess Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq izda bl-ebda mod ma jista' jinghad li dan igib it-thassir ta' l-istess Avviz – li ghal dak li jirrigwarda l-proceduri taht id-disposizzjonijiet relattivi tal-Kap 356 hareg korrettament u skond il-ligi u ghalhekk l-appell tas-socjeta' appellanti qed jigi michud.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa` l-eccezzjonijiet imressqa fir-risposta ta' l-Awtorita' appellata datata 28 ta' Ottubru 2005 in kwantu l-istess huma konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mis-socjeta' appellanti V.J. Salomone Ltd. permezz tar-rikors taghha ta' l-appell datat 3 ta' Mejju 2005,** u dan ghar-ragunijiet indikati f'din id-decizjoni b'dan ghalhekk li d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fl-ismijiet **"V.J. Salomone Limited vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** tal-20 ta' April 2005 qed tigi kkonfermata.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta` appellanti V.J. Salomone Limited.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------